MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 649/2010

**Vodafone Limited (C-10865)**
**Vs**
**Abigail Tanti (K.I. 007185M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' hames mija, wiehed u disghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€591.42) rapprezentanti prezz ghal servizzi ta' telefonija cellulari rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenuta in konnessjoni man-numru tal-mowbajl 9985 8815.

Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas il-pagament effettiv izda din baqghet inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li fis-seduta tal-11 ta' Jannar, 2011 fl-awla kien hemm prezenti l-intimata li taht gurament ikkonfermat li l-ammont fit-talba huwa dovut minnha. .

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' attrici ippruvat il-kaz taghha fil-konfront tal-konvenuta.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba bl-ispejjez u l-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------